

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/2360**tas-16 ta' Diċembru 2015****li taħtar membru Grieg u membru supplenti Grieg fil-Komitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Grieg,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Jannar, fil-5 ta' Frar u fit-23 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2015/116 ⁽¹⁾, (UE) 2015/190 ⁽²⁾ u (UE) 2015/994 ⁽³⁾ li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Komitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020.
- (2) Fl-10 ta' Diċembru 2015, sar vakanti siġġu ta' membru fil-Komitat tar-Reġjuni wara t-tmiem tal-mandat li abbażi tiegħu ġie propost is-Sur Dimitrios KALOGEROPOULOS (*politikament responsabbli quddiem il-Kunsill Muniċipali ta' Maroussi*),
- (3) Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sur Panagiotis KATSIVELAS, sar vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-Komitat tar-Reġjuni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Huma b'dan maħturin fil-Komitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2020:

(a) bħala membru:

— Is-Sur Dimitrios KALOGEROPOULOS, *politikament responsabbli quddiem il-Kunsill Muniċipali ta' Palaio Faliro* (tibdil fil-mandat),

u

(b) bħala membru supplenti:

— Is-Sur Georgios PATOULIS, *Sindku ta' Maroussi*,*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2015.

*Għall-Kunsill**Il-President*

C. DIESCHBOURG

⁽¹⁾ ĠUL 20, 27.1.2015, p. 42.⁽²⁾ ĠUL 31, 7.2.2015, p. 25.⁽³⁾ ĠUL 159, 25.6.2015, p. 70.